**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 121/2017 AF**

**Antonia Dalli**

**vs**

**Antoine Vassallo u martu Antonia Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Antonia Dalli li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati ghandhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) rapprezentanti somma li giet mislufa mill-esponenti lill-istess intimati.

Ghalkemm l-intimati gew mitluba jroddu lura l-imsemmija somma huma baqghu inadempjenti.

Id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jqajjmu ghat-talba ghall-hlas.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) rapprezentanti somma li giet mislufa mill-esponenti lill-istess intimati.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 223/17 prezentat kontestwalment, u bl-imghax b'effett millum, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma dehrux, ghalkemm l-intimat ipprezenta zewg dokumenti li jidhru li juru li l-intimat kellu jattendi gewwa l-isptar.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kif dedotti fil-konfront ta' Antonia Vassallo, bl-ispejjez kontriha.

Il-kawza fil-konfront ta' Antoine Vassallo qed tigi differita ghal 25 ta' Mejju 2017.

IMHALLEF

DEP/REG